# Il-Ġimgħa Mqaddsa fiż-żminijiet l-Imgħoddija





## ĦADD IL-PALM

Jissejjaħ ukoll Ħadd il-Passjoni, jew il-Ħadd ta' dawk li huma eliġibbli għall-Magħmudija. F'Ġerusalemm u fi knejjes oħra Orjentali (Kostantinopli, Edessa) kien isir ir-rit tal-misteru tad-dħul tal-Mulej. Imbagħad għadda għal knejjes oħra tal-Punent u fl-aħħar għal Ruma.

Iċ-ċelebrazzjoni primittiva Rumana kienet tikkonsisti biss f'quddiesa sempliċi li fiha tiġi proklamata l-Passjoni tal-Mulej li tagħti bidu għall-jiem qaddisa tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Bil-purċissjoni tal-palm tiżviluppa parteċipazzjoni ta' ferħ u folkloristika. Kien jinġarr il-ktieb tal-Vanġeli jew is-Santissmu Sagrament. Kellu mportanza partikolari l-ħmar, li fil-Ġermanja kien ta' l-injam, bir-roti żgħar; fuqu kienu jpoġġu l-istatwa tas-Salvatur. Kienu jaslu wkoll biex jikkomponu innijiet li jimitaw l-għajta tal-ħmar!

Il-karatteristika ferreħija tal-purċissjoni bil-palm tagħmel minn dan il-Ħadd anteċipazzjoni ta' l-Għid, li billi jaħbat fir-rebbiegħa għandu fih xi ħaġa verament ta' ferħ. Għalhekk dan il-Ħadd għandu mportanza doppja u jissejjaħ appuntu "Pascha floridum", Pascha florum" jew "dies floridus".

It-territorju ta' Florida fl-Amerika ħa l-isem tiegħu liturġiku għaliex hemm niżlu l-Ispanjoli fil-jum ta' Ħadd il-Palm fl-1513.

## ĦAMIS IX-XIRKA

Għall-ewwel kien jum aliturġiku, it-tmiem tar-Randan, jum ta' rikonċiljazzjoni tal-penitenti u tar-riti tal-preparazzjoni għall-magħmudija

Fis-seklu ħamsa kienet issir:

— Quddiesa għar-rikonċiljazzjoni tal-penitenti
— Quddiesa għall-konsagrazzjoni tal-Griżma u t-tberik taż-żjut.
— Quddiesa tifkira tat-twaqqif ta' l-Ewkaristija.

Fl-Afrika u fil-Lvant kienu jiċċelebraw żewġ quddisiet, waħda minnhom wara nofs in-nhar. Fil-Lvant il-patrijarka jikkonsagra b'rit sabiħ u kompless iż-żejt tal-Griżma.

It-tqegħid tas-Santissmu Sagrament, għat-tqarbin tal-Ġimgħa, jieħu sens solenni bħala affermazzjoni tal-preżenza reali fil-medjuevu. Hemm imbagħad l-interpretazzjoni stramba tad-difna ta' tlitt ijiem. Madwar dan ir-rit, li kien jinħass sewwa, tiżviluppa ċerta drama folkloristika bis-suldati u n-nisa devoti u b'ġesti ta' qima: fjuri u fwejjaħ, xema' u nċens, żerriegħa ta' qamħ li jinbet malajr.

Rigward il-ħasil tar-riġlejn, Santu Wistin isemmi d-drawwa ta' l-amar tal-Mulej u l-att simboliku tal-ħasil tar-riġlejn ta' tnax jew tlettax-il persuna. F'xi postijiet kienu jagħmluha f'ħin ieħor biex ma jħawduhiex mal-magħmudija. Kienu jagħmluha barra

mill-quddiesa, bħal fl-antik; fir-rit ambrożjan għadha ssir hekk. Jitkanta l-kant sabiħ "Ubi charitas et amor" fuq melodija antika u t-test jidher li hu ta' Paolini di Aquileia (sek. IX).

## IL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Jum aliturġiku għal kollox u jum ta' talb li fih f'ċerti postijiet kien jinqara s-Salterju kollu.

Mit-tradizzjoni ta' Ġerusalemm hemm żgur liturġija tal-Kelma (is-siltiet tal-Passjoni) u l-adorazzjoni tas-Salib.

Fit-tradizzjoni Rumana hemm sempliċi liturġija tal-Kelma bit-talba universali. F'Ruma ġiet introdotta l-adorazzjoni tas-Salib madwar is-seklu VII. L-improperji, kantati bil-Latin u bil-Grieg (imma mhux bl-Ebrajk) huma ta' oriġini ġerosolmitana, imma daħlu permezz tat-tradizzjoni gallikana fil-liturġija ta' Ruma.

Hemm ċerta perplessita' rigward ir-rit tat-tqarbin. Fil-lvant, bħal fil-punent, ma kenitx tiġi ċelebrata l-Ewkaristija. Fil-punent, f'xi postijiet in-nies kienu jitqarbnu; f'xi oħrajn, le; fil-quddiesa tal-Papa, il-Papa ma kienx jitqarben; il-qassisin imbagħad iva.

F'xi postijiet kienet tiġi dramatizzata l-adorazzjoni tas-Salib. Kienu jitneżżgħu l-altari u fl-aħħar kienet issir ir-repożizzjoni tas-Salib u ta' l-Ewkaristija sal-vġili ta' l-Għid. Din l-aħħar drawwa qatt ma daħlet Ruma.

Fid-devozzjoni popolari kienu jagħmlu l-Via Crucis u d-diversi purċissjonijiet u rappreżentazzjonijiet sagri tal-Passjoni tal-Mulej u tad-difna Tiegħu.

## IL-VĠILI TA' L-GĦID

Il-vġili solenni ta' l-Għid spiċċat fil-medjuevu biex issir tendenza li tanteċipa l-mument tal-bidu tal-liturġija, li billi kienet twila mħabba l-qari u għalhekk intilef is-sens tal-magħmudija fiċ-ċelebrazzjoni, laħqet sens għal elementi folkloristiċi.

Diga' fis-seklu XII fil-kotba liturġiċi, is-siegħa tal-bidu ġiet iffissata għas-sitt siegħa, setgħu janteċipaw anke sat-tielet siegħa, jiġifieri s-Sibt fil-għodu.

Daħal it-tberik tan-nar b'mod naturali, bil-ġebla u bil-lenti mir-raġġi tax-xemx. Żviluppat iċ-ċerimonja tax-xemgħa ta' l-Għid li kienet tiġi mżejna, imbierka, ikkonsagrata u midluka, anke jekk is-siltiet li kienu jitkellmu fuq il-lejl imqaddes kienu jitkantaw fl-eqqel tal-jum.

Kellu mportanza kbira l-qari bibbliku li s-siltiet waslu anke sa tnax, simbolu li jista' jiftiehem. Kienet titkanta l-litanija tal-qaddisin u kienu jbierku b'riti komplessi u siltiet twal il-fonti tal-magħmudija, anke jekk ma kienx ikun hemm iżjed magħmudijiet.

Kienet issir quddiesa fl-għodwa tal-Qawmien biex ikun hemm kuntatt simboliku ma' l-għodwa, għax fl-antik il-vġili ta' l-Għid kienet tibqa' sejra sa fil-għodu. Kienet il-quddiesa ta' sbieħ il-jum, akkumpanjata anke llum f'xi postijiet mill-purċissjoni tal-laqgħa ta' Ġesù ma' Ommu Marija; rit li reċentement ġie milqugħ bħala "liturġiku" fil-Filippini, bħala eżempju ta' integrazzjoni possibli bejn reliġjożità popolari u liturġija.



